MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 1207/1985/1

**Brian Valenzia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Arva Insurance Agency Ltd u dina in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union Fire Insurance Society Ltd bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Joseph A Grima u b'sentenza tallum 26 ta' Ottubru, 1994, giet awtorizzata iz-zieda tal-kliem "bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Oilfield Services International Limited" wara l-isem u l-kunjom Joseph A. Grima**

**vs**

**Joseph Camilleri ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Arcades Ltd.**

**Il-Qorti:**

**Premliminari.**

B'citazzjoni tal-21 ta' Marzu, 1983 l-atturippremetta li l-assigurat tieghu ghandu hanut li jismu GRIMA'S f'Republic Street, Valletta, li huwa sottostanti l-proprjeta` tal-konvenut; li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini, b'imperizja, u b'nuqqas ta' responsabbilita`, ippermetta, ma ghamel xejn jew ma ghamilx bizzejjed biex jaccerta ruhu li l-ilma tax-xita li seta' jidhol fil-propjeta` tieghu ma tinzilx fil-hanut tal-assigurat tal-attur; illi fil-fatt dahal l-ilma fil-proprjeta` tal-konvenut li nizlet fil-proprjeta` ta' tahtha u per konsegwenza l-assigurat ta' l-attur sofra danni konsistenti fis-somma ta' LM891.73,3 skond kif jirrizulta mid-dokument A1 sa A7 ezebiti mac-citazzjoni li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine li gie surrogat fid-drittijiet tieghu abbazi tal-Polza ta' Assigurazzjoni u tal-ligi; illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas lill-attur nomine baqa' inadempjenti; talab li l-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli tal-hsarat sofferti mill-assigurat ta' l-attur u kagunati mill-konvenut li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine abbazi tal-Polza ta' Assigurazzjoni;
2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' LM891.73,3 rappresentanti l-hsarat sofferti mill-assigurat ta' l-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine abbazi tal-Polza ta' Assigurazzjoni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Jannar, 1983 kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

B'nota tat-8 ta' April, 1983 l-konvenut eccepixxa:-

1. Preliminarjament huwa qatt ma kellu l-ebda relazzjoni guridika ma Joseph A. Grima.

2. Subordinatament u fil-meritu huwa mhuwiex responsabbli ghad-danni indikati fic-citazzjoni.

Rat is-sentenza preliminari tal-11 ta' Dicembru, 1984 meta l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddikjarat ruhha inkompetenti ratione materiae u ordnat li l-process u l-atti relattivi jintbaghtu fil-Qorti tal-Appell skond il-ligi. Rat ukoll is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament komposta fid-19 ta' Gunju, 1985 li permezz taghha s-sentenza preliminari msemmija giet kkonfermata u b'hekk gie ordnat li a tenur tal-Artikolu 779(4) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili l-atti tal-kawza jintbaghtu lill-Qorti tal-Kummerc ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha eccepixxa illi l-azzjoni ta' l-attur nomine hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Din l-eccezzjoni giet michuda b'sentenza preliminari ohra tas-7 ta' Frar, 1991 bl-ispejjes kontra s-socjeta` konvenuta. Minn din is-sentenza ma sar ebda appell.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tas-26 ta' Ottubru, 1994 il-Qorti tal-Kummerc laqghet it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjes ghall-konvenut nomine konformement ma dak li kien gie sottomess mill-perit gudizzjarju u dan wara li kkunsidrat:-

"*Illi l-konvenut nomine kkritika l-konkluzzjonijiet peritali billi indika erba' punti li ma gewx ittratti mill-Perit Tekniku u cioe`:-*

*(a) Il-persuna li soffriet id-danni u li giet ikkumpensata ma kienetx Joseph Grima, kif qal l-attur nomine fic-citazzjoni tieghu, imma s-socjeta` Oilfield Services International Limited;*

(b) *Il-kwistjoni tal-polza ta' assikurazzjoni;*

(c) *Jekk il-konvenut kienx responsabbli ghall-katusa li kienet midfuna fil-hajt u li kienet isservi biss biex tiddisponi mill-ilma li jaqa` fuq il-bjut ta' terzi;*

(d) *Jekk il-hsara li giet ikkagunata bil-maltempata tat-22 ta' Ottubru, 1982, kinitx "an act of God".*

L-ewwel Qorti kompliet hekk:-

*"Dwar l-ewwel punt, huwa veru li rrizulta li l-persuna li sofriet id-danni u giet risarcita u li tat is-surroga lill-attur nomine, ma kienetx Joseph Grima personalment izda s-socjeta` tieghu, "Oilfield Services International Limited".*
*"Il-konvenut ta l-ewwel eccezzjoni u sostna li t-talba attrici ma tistax tintlaqa' billi l-attur ma setghax kien surrogat fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Joseph Grima.*
*"Illi rrizulta minn fol. 120 tal-process li l-attur baghat l-ittra datata 23 ta' Dicembru, 1988 (ara fol. 145) lill-avukat tal-konvenut sabiex l-izball li ghamel l-attur (li cioe` ma indikax fl-atti promotorji tal-kawza li Joseph Grima kien qed jidher ghas-socjeta` "Oilfield Services International Limited") ikun korrett.*
*"Jidher li d-difensur tal-konvenut aderixxa ma din it-talba u l-attur ipprezenta rikors fid-19 ta' Jannar, 1989, sabiex issir din il-korrezzjoni fl-atti. Dan ir-rikors jidher li ntilef u qatt ma gie rintraccjat. L-attur ezebixxa kopja tieghu (a fol. 146) u indika li dan ir-rikors kellu l-cash number tar-Registru numru 1608.*
*"Billi dan ir-rikors intilef, ma jirrizultax li gie dekretat minn din il-Qorti, ghalhekk id-Deputat Registratur, forsi b'anticipazzjoni li t-talba tal-attur kienet sejra tigi eventwalment milqugha, minhabba l-adezjoni tad-difensur tal-konvenut, ghamel l-annotazzjoni relattiva fl-atti.*
*"Illi fil-fehma tal-Qorti d-dokument a fol. 145 jindika inekwivokament u inkondizzjonatament l-adezjoni tad-difensur tal-konvenut ghat-talba ghall-korrezzjoni tal-atti relattivi maghmula mill-attur. Din it-talba kien hemm lok li tintlaqa' prezenzjalment billi din l-adezjoni qatt ma giet imregga' lura permezz ta' nota a tenur tal-artikolu 695(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12). Ghalhekk tordna lid-Deputat Registratur sabiex jaghmel il-korrezzjoni rikjesta kull fejn hemm bzonn fl-atti.*
*"Illi l-ewwel lament tal-konvenut ma jaghmel assolutament ebda accenn ghat-talba tal-attur ghall-imsemmija korrezzjoni fl-atti u ghall-adezjoni tad-difensur tal-konvenut ghall-istess talba. F'dawn ic-cirkostanzi u senjatament meta dik l-adezjoni qatt ma giet irtirata bil-mod indikat mill-ligi, l-ewwel lament tal-konvenut ma huwiex gustifikat u ma jistax jintlaqa'.*

*“Ikkunsidrat dwar it-tieni lament tal-konvenut:*

*“Huwa veru li l-polza ta’ assikurazzjoni ma gietx esibita u hija haga pjuttost stramba kif socjeta` ta’ assikurazzjoni tiddistruggi polza bhal din, nonostante li hija stess ghamlet kawza li torigina minnha u din il-kawza ghadha ghaddejja. Pero`, dan il-fatt ma jistultifikax l-azzjoni attrici billi s-surroga li tat is-socjeta` “Olfield Services International Limited” lis-socjeta` assikuratrici tirrizulta sodisfacentement provata. Ghall-fini ta’ din il-kawza, hija s-surroga in kwistjoni li hija verament rilevanti u mportanti biex tirnexxi din it-talba attrici ghaliex la darba rrizulta li s-socjeta` attrici indennizzat lill-assikurat taghha u dan issurrogaha fid-drittijiet tieghu, isegwi li s-socjeta` attrici setghet tistitwixxi din il-kawza indipendentement mill-esibizzjoni tal-kuntratt ta’ assikurazzjoni li kien preordinat ghas-surroga msemmija. Ghalhekk, anke dan il-lament tal-konvenut m’huwiex wiehed validu.*

*“Ikkunsidrat:*

*“It-tielet lament tal-konvenut huwa fis-sens li huwa ma kienx responsabbli ghall-katusa li kienet midfuna fil-hajt li kienet isservi biss biex tiddisponi mill-ilma li jaqa’ fuq il-bjut ta’ terzi.*

*“Illi anke dan il-lament tal-konvenut, ma jistax jigi accettat billi din il-Qorti la sostanzjalment taqbel mal-kummenti li ghamel l-attur fit-tielet parti tan-nota t’osservazzjonijiet tieghu u li jinsabu a fol. 157 u 158 tal-process.*

*“Ikkunsidrat:*

*“Illi din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-konvenut li l-incident in kwistjoni gara minhabba “act of God”. Irrizulta li l-incident gara minhabba maltempata pjuttost qawwija, pero` dawn it-tipi ta’ maltempati sikwit jirrikorru f’Malta f’dawk iz-zmienijiet tas-sena (kif tirraporta l-gazzetta esibita) u meta wiehed jahsbilhom minn qabel kif suppost taghmel persuna b’sens ta’ responsabbilita`, hafna hsara tigi evitata.*

*“F’dan il-kaz jidher li l-konvenut ha l-passi necessarji biex l-incident ma jirrepetix ruhu WARA li gara l-incident u ghalhekk wiehed ma jistax jinvoka d-difiza tal-“act of God.”*

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut nomine hassu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'petizzjoni pprezentat fit-18 ta' Novembru, 1994 interpona appell lil din il-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talab li s-sentenza tas-26 ta' Ottubru, 1984 tigi annullata, mhassra u revokata minn din il-Qorti billi wara li tilqa' s-sottomissjonijiet u l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine appellant tichad it-talbiet ta' l-attur nomine appellat, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine appellat.

L-attur appellat ipprezenta risposta fit-28 ta' Novembru, 1994 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab li l-appell intavolat mill-konvenut jigi michuda bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra tieghu u li t-talbiet attrici jigu milqugha fil-konfront tieghu.

L-aggravji mressqa mill-konvenut appellant jistghu jigu aggruppati taht is-segwenti kapi:-

1. In-nullita` tas-sentenza.
2. Il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16.
3. L-inezistenza tal-kreditu.
4. L-inezistenza ta' l-obbligazzjoni.

**Ikkunsidrat.**

**1) Dwar in-nullita` tas-sentenza.**

Qed jigi sottomess mill-konvenut appellant li s-sentenza moghtija in prim istanza hija nulla nkwantu l-korrezzjoni fl-okkju ordnat bis-sentenza nfisha kien irregolari, sew minhabba nuqqas ta' talba '*ad hoc*' kif ukoll minhabba nuqqas ta' notifika tal-att kif korrett lill-kontro parti.

Is-sentenza appellata pprovdiet fir-rigward tal-izball fl-okkju tal-kawza billi ordnat il-korrezzjoni, kif indikat supra, wara li osservat li kien hemm l-adezjoni tad-difensur tal-kontro parti ghal tali korrezzjoni u liema adezjoni ma gietx imregga' lura kif jiddisponi l-Artikolu 695(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 790 tal-Kap 12 jirregola materja ta' nullita` tas-sentenza appellata billi jipprovdi li "*dik l-eccezzjoni ma*

*ghandhiex tintlaqa’ <u>jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha</u>, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata fuq nuqqas ta’ gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta’ citazzjoni, jew fuq illegittimita` ta’ persuna jew fuq li s-sentenza ta’ l-ewwel qorti hija* extra petita *jew* ultra petita *jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta’ smigh xieraq.*”

Fil-kaz odjern jidher li l-eccezzjoni ta’ nullita` sollevata mill-konvenut appellant hija bazata fuq l-aspett ta’ l-illegittimita` ta’ persuna, nkwantu l-azzjoni attrici, kif proposta, qatt ma setghet tirnexxi fil-konfront ta’ l-attur; kif ukoll fuq l-kuncett tas-smigh xieraq, billi qed jinghad li ma kienx hemm notifika tal-kontro parti bit-talba u bl-att kif korrett.

L-Artikolu 695 tal-Kap 12 citat fis-sentenza appellata jipprovdi li meta issir dikjarazzjoni, bil-fomm jew bil-miktub, minn avukat jew prokuratur legali, din tista’ titregga’ lura <u>bil-mezz ta’ nota</u>, f’kull waqt tal-kawza, ukoll fil-qorti fi grad ta’ appell, qabel is-sentenza, basta li ma jigix ippruvat li dik id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni tkun saret b’inkarigu specjali tal-parti. Mill-atti processuali jirrizulta li d-difensur tal-konvenut kien indika l-adezjoni tieghu ghas-suggeriment tal-kontro parti “*to correct the occhio of the writ*” billi iffirma l-kopja tal-ittra li kienet intbghatet lilu fit-23 ta’ Dicembru, 1988 mid-difensur tal-attur. F’din l-ittra kien hemm indikazzjoni cara dwar l-korrezzjoni li kellha tintalab u ma saret ebda riserva fir-rigward. In effetti t-talba ghall-korrezzjoni giet intavolata kif jidher mil-kopja tar-rikors a fol-146 tal-process u r-registrazzjoni tal-pagament fir-registru tal-qorti, liema fatti ma jirrizultax li gew kkontestati. Gara pero` li r-rikors intavolat mill-attur konformement mal-ftehim milhuq mad-difensur tal-konvenut gie smarrit u ghalhekk qatt ma setghet issir l-korrezzjoni mehtiega fl-atti tal-kawza. B’dana kollu jidher li l-konvenut appellant qatt ma regga’ lura l-adezjoni minnu maghmula fuq id-dokument a fol. 145 tal-process sa dak inhar li giet pronunzjata s-sentenza. L-ewwel qorti ghalhekk kienet qed tagixxi konformement max-xewqat tal-partijiet meta ordnat l-korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni kif jiddisponi l-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalkemm l-appellant seta’ jibbenefika minn dak li

jipprovdi l-Artikolu 695 fuq citat, billi jregga' lura l-adezjoni tieghu f'dawn il-proceduri, dan rega' naqas li jaghmel hekk. Din il-Qorti ghalhekk ma thoss li bil-korrezzjoni ordnata fis-sentenza appellata l-konvenut appellant sofra xi pregudizzju.
.
Inoltre jigi rilevat li l-attur f'dawn il-procedura hija s-socjeta` Norwich Union, kif rappresentata hawn Malta mis-socjeta` Arva Insurance Agency Limited u mhux Oilfield Services International Ltd nkwantu kienet din is-socjeta` li kienet hallset ghall-hsarat kagunati mill-perkolazzjoni tal-ilma mill-fond tal-konvenut f'dak ta' l-assikurat taghha. Kwindi l-konvenut qatt ma seta' bata xi pregudizzju billi l-mertu proprju tal-vertenza ma giex mittifes. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**2) Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni.**

Il-konvenut appellant qed jissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn. Fil-verita` din l-eccezzjoni kienet gia giet deciza b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Frar, 1991 u minn dik is-sentenza ma sar ebda appell u lanqas ma jidher li fil-petizzjoni tat-18 ta' Novembru, 1994 intalab li dik is-sentenza tigi revokata. B'dana kollu jidher li din l-eccezzjoni llum ghandha bazi legali kemm xejn differenti minn kif proposta originarjament u cioe li gialadarba, skond l-konvenut appellant, kien jinhtieg in-notifika tac-citazzjoni kif korretta, l-perjodu preskrittiv jkun ghadda meta tali notifka ssir. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li inghad fir-rigward tal-aggravju tan-nullita` tas-sentenza appellata u billi l-korrezzjoni ordnata ma kienetx difettuza u anqas kienet mehtiega n-notifika mill-gdid, dan l-aggravju ma jistax jissussisti. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**3) L-inezistenza tal-kreditu.**

Fil-kuntest ta' dan l-aggravju qed jigi sottomess mill-konvenut appellant li hemm dubbju serju kemm s-socjeta` appellata effettivament halset l-ammont reklamat fic-citazzjoni. Saru diversi allegazzjoni bazati fuq l-inezistenza tal-polza ta' assikurazzjoni jew sahansitra fuq l-kredibilita` 'qua dokument' tas-'subrogation form' ezebita a fol. 144 tal-process. Izda fl-assenza ta' provi konkreti dawn dejjem jibqghu allegazzjonijiet u din il-Qorti ma tista' ittihom ebda affidament. Jigi osservat inoltre li kienet ukoll korretta l-ewwel qorti meta skartat kull allegazzjoni maghmula mill-konvenut minhabba d-distruzzjoni tal-polza ta' assikurazzjoni billi, kif sewwa osservat l-ewwel, qorti fil-proceduri odjerni ma kienetx daqstant il-polza li kienet relevanti izda s-"subrogation form" inkwantu din ma kienetx biss prova tal-pagament izda ukoll tad-dritt tas-socjeta` attrici li tagixxi kontra l-parti li kkawzat l-hsara. Infatti kull minn ihallas id-dejn ta' terz jigi surrogat fid-drittijiet tal-kreditur kontra d-debitur. Dan l-aggravju ghalhekk ma huwiex gustifikat.

**4) L-inezistenza tal-obbligazzjoni.**

Qed jigi sottomess mill-konvenut appellant li huwa mhux responsabbli ghad-danni sofferti mill-assikurat tal-attur u dan ghall-zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok qed jinghad li dak li gara fit-22 ta' Ottubru, 1982 kien jammonta ghal "act of god" u cioe` kaz fortuitu li ma jiddipendiex mill-att tal-bniedem izda huwa kagunat minn forza magguri. Fit-tieni lok qed jinghad li legalment s-socjeta` konvenuta qatt ma kienet responsabbli ghall-manutenzjoni tal-katusa minn fejn ipperkola l-ilma billi din tammonta ghall-servitu` favur terzi u ghalhekk kien jispetta li dawn it-terzi jaghmlu tajjeb ghal hsarat li gew kagunati minhabba n-nuqqas ta' manutenzjoni fil-katusa.

L-ewwel sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti hija bazata fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 1029 tal-Kap 16 fejn jinghad li "*Kull hsara li tigri b'accident jew <u>b'forza magguri</u>, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew beni tieghu tigri l-hsara.*" Izda kif sewwa osservat l-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Carmelo Micallef vs Brigadier

John Belle" (7 ta' Frar, 1953 p. Imh. A. Magri) " *Il-koncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skond il-principji tad-Dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-'bonus pater familias".* Isegwi li jekk jirrizulta xi nuqqas tal-bniedem din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-maltempata tat-22 ta' Ottubru, 1992 kienet verament wahda straordinarja biss, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, dawn it-tip ta' maltempati huma haga komuni f'dak il-perjodu tas-sena u b'dana kollu, qabel dak inhar, qatt ma dahal ilma fil-fondi tal-kontendenti. Jidher li l-fatt biss tal-kwantita` kbira ta' ilma li nizel dak inhar ma kienx r-raguni l-ghala kien hemm perkolazzjoni fil-proprjetajiet. Ir-raguni kellha tkun ohra u cioe` nuqqas ta' manutenzjoni tal-katusa u tal-hawt li jilqa l-ilma mill-istess katusa. B'dana kollu jirrizulta li d-danni sofferti mill-assikurat ta' l-attur ma gewx kkagunati direttament bhala rizultat ta' ilma li dahal fil-fond tieghu minhabba difett fil-katusa msemmija izda bhala rizultat ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-fond sovrastanti tal-konvenut. Kien ghalhekk obbligu tal-konvenut li jevita kull possibilita` li din il-perkolazzjoni ssehh. F'dan il-kuntest l-Artikolu 471 tal-Kap 16 citat mill-konvenut appellant ma jnaqqas xejn mid-drittijiet ta' l-appellat fil-konfront ta' minn kkawza d-dannu billi l-konvenut kien fid-dmir li bhala *bonus pater familias* jevita perkolazzjoni fil-fond tieghu billi, jekk hemm bzonn, jagixxi kontra l-parti responsabbli ghall-manutenzjoni tal-katusa biex jassigura li ma jidholx ilma fil-fond tieghu. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjes kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------